**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 44**

It-Tnejn, 23 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Keith Azzopardi Tanti u l-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili l-Onor. Rosianne Cutajar kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ramona Attard, l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. George Vital Zammit kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Beppe Fenech Adami kienu msiefra fuq xogħol uffiċjali tal-Partit.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Fleur Abela u l-Onor. Franco Mercieca kienu skużati.

L-Onor. Andy Ellul kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 43 li saret fit-18 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-seduti 36 u 37 tal-11 ta' Novembru 2026, u ordnat illi ssir il-korrezzjoni relattiva fil-Minuti ta' dawk is-seduti.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

- **Att Nru XXI tal-2026 –** Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani; u

- **Att Nru XXII tal-2026 –** Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 581 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Information Technology Audit – Review of the methodology for the compilation and updating of demographic statistics using multi-source administrative data* datat Novembru 2026;

P.L. 582 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 9 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar Servizz ta' Childcare fil-Parlament ta' Malta;

P.L. 583 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Giovanna sive Yvonne Downey et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 20/2022/AF), deċiża fit-2 ta' April 2025 u dik tal-Appell datata 16 ta' Novembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 584 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet E&G Developments Limited vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 33/2020/JVC), deċiża fit-30 ta' Mejju 2023 u dik tal-Appell datata 16 ta' Novembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 585 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Dr Joseph Fenech et vs l-Avukat tal-Istat (Rikors Numru 5/2024/JVC), deċiża fl-20 ta' Ġunju 2025 u dik tal-Appell datata 16 ta' Novembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5313, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 586 Tabella li turi n-numru ta' għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li ġejjin mil-lokalitajiet tal-Ħamrun, il-Marsa, il-Furjana, il-Belt Vallettta u Birkirkara li bbenefikaw minn fondi taħt l-Iskema Komunitajiet Aktar Inklussivi u l-Iskema ta' Għotjiet Żgħar tal-Kwalità tal-Ħajja għas-snin 2025 u 2026.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 5313 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 587 Screenshot tal-web pages tal-Aġenzija Sapport li juru informazzjoni dwar Sussidju fuq Vettura Drive from Wheelchair u Sussidju fuq Xiri ta' Vettura Użata (Second-Hand), Modifikata u Aċċessibbli għas-Siġġu tar-Roti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari W807;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 588 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni (MCA) għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 589 Tabella li turi n-numru ta' studenti Maltin u barranin f'kull skola tal-Gvern f'Malta u Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4340;

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 590 Tabella li turi n-numru ta' djar li nqatgħalhom is-servizz tal-elettriku minħabba nuqqas ta' ħlas matul is-sena 2025 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5400;

P.L. 591 Tabella li turi n-numru ta' djar li nqatgħalhom is-servizz tal-ilma minħabba nuqqas ta' ħlas matul is-sena 2025 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5401;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 592 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' professjonisti legali u staff amministrattiv fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bejn Jannar 2024 u Novembru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5444;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 593 Avviż Legali Nru 326 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur;

P.L. 594 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' talbiet approvati għal spazji ta' parkeġġi komunitarji għad-detenturi tal-Blue Bage maqsuma skont il-kunsilli lokali minn Jannar 2025 sa Novembru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5491;

f'isem il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 595 Stqarrija mill-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali (PR261930) datata 16 ta' Novembru 2026 bl-isem *Malta Miegħek: Jiżdiedu l-għotjiet għat-tagħlim tal-mużika fil-każini tal-banda u għall-għaqdiet volontarji li jaħdmu fost iż-żgħażagħ*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5483; u

f'isem il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 596 Lista ta' NGOs li ġew megħjuna finanzjarjament minn skemi differenti fis-snin bejn l-2024 u l-2026 , bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5537.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar Għawdex, l-Onor. Deborah Schembri ssostitwixxiet lill-Onor. Anton Refalo.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2027 – KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TLETTAX-IL SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

Il-Prim Ministru ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 1 - UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €6,385,156 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 1 – Uffiċċju tal-President, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 6 - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €82,941,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 6 – Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 7 - INFORMAZZJONI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,110,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 7 – Informazzjoni, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 8 - STAMPERIJA TAL-GVERN**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €3,189,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 8 – Stamperija tal-Gvern, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 9 - UFFIĊĊJU ELETTORALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €5,617,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 9 – Uffiċċju Elettorali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 10 - KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,034,370 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 10 – Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT I - UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €633,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot I – Uffiċċju tal-President – Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT IV - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €59,756,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot IV - Uffiċċju tal-Prim Ministru - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' mhux iżjed minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.38 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, ressaq din l-Emenda:

**VOT 6 - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€65,827" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€65,824".
*Delete the figure "€65,827" and substitute therefor the figure "€65,824".*

Fis-6.02 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Michael Piccinino u l-Onor. Jerome Caruana Cilia għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Nigel Vella u l-Onor. John Grech għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 597 Dokument bl-isem *Results from TALIS 2024: Malta* li jagħti r-riżultati tat-Teaching and Learning International Survey (TALIS) maħruġ mill-OECD fl-2025.

Fis-7.28 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-President tal-Kumitati rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-Kamra għaddiet għax-xogħol l-ieħor li kien jidher fuq l-aġenda.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI TA' PRODOTTI TAL-KANNABIS B'LIVELL BAXX TA' THC - MOZZJONI 76**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolamentazzjoni ta' Prodotti tal-Kannabis b'Livell Baxx ta' THC.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2026 dwar ir-Regolamentazzjoni ta' Prodotti tal-Kannabis b'Livell Baxx ta' THC" inqara l-ewwel darba.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 24 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

**<u>L-Erbatax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Mobbiltà Sostenibbli</u>**

Vot 36 – Ministeru għall Mobbiltà Sostenibbli
Vot XVIII – Ministeru għall Mobbiltà Sostenibbli – Kapital

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Mobbiltà Sostenibbli kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa ukoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 pm. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.31 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**